MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Numru. 1/2001

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Anthony Zammit, iben John Mary, imwieled Attard fit-23 ta' Frar, 1965

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-2 ta' Ottubru, 2000 għal ħabta tal-11.15 a.m. u fil-ġranet preċedenti l-Mosta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, għamel użu xjentement ta' marki, sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew waħħal deskrizzjoni kummerċjali falza, jew biegħ, żamm jew

importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbħa;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi bi qliegħ, jew bi skop ta' kummerċ, biegħ, qassam jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex titqassam, xi artikoli jew ħwejjeġ, bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijjiet tal-awtur ta' persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-kwerela tal-parte ċivile.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-pulizija rċeviet kwerela datata 23 ta' Ottubru, 2000 ta' soċjeta' olandiża li jisimha Joint Services International BV li ddeskrivit ruħha bħala s-sid tat-'trade mark' tal-isem "O'Neill". Huma nfurmaw il-pulizija li l-agent lokali ta' din id-ditta bl-isem "O'Neill" kien sab materjal kontrafatt fuq is-suq lokali. Konsegwenza ta' din il-kwerela l-pulizija ġiet infurmata li ħwejjeġ b'dan l-isem kienu qed jinbiegħu mis-suq tal-Mosta.

Illi l-pulizija marru s-suq tal-Mosta u hemmhekk sabu lill-imputat li kien qed ibiegħ xogħol b'dan l-isem.

Illi l-pulizija elevaw sitt fleece tops mingħand l-imputat u taw wieħed minnhom lill-agent lokali biex isiru l-verifiki. Ġurnata wara l-agent lokali nforma l-pulizija li dak il-mertjal kien wieħed kontrafatt. Il-pulizija bagħtu għall-imputat li spjega li dan il-materjal ġie importat regolarment u ipprezenta d-dokumentazzjoni sħiħa li tinsab eżebita wkoll fl-atti ta' din il-kawża.

Illi mid-dokumenti eżebiti jirrizulta li l-imputat importa kollox regolarment, ħallas dak kollu dovut lill-Istat u kellu

dokumentazzjoni eżawrjenti kemm mid-ditta esportatriċi, kif ukoll mill-awtoritajiet ta' Sri Lanka, minn fejn ġew importati dawn il-ħwejjeġ.

Illi mill-provi prodotti u speċifikatament mid-dokumenti eżebiti mill-prosekuzzjoni u mill-uffiċċju tat-'Trade Marks jirrizulta li din is-soċjeta' olandiża mhiex is-sid tat-'trade mark' tal-isem "O'Neill" u għalhekk din ma setgħatx jipprezenta kwerela li tat bidu għall-azzjoni Kriminali taħt l-artikolu 298B tal-Kodiċi Kriminali.

Illi dwar l-ewwel akkuża l-pern ta' kollox hu li l-persuna li tkun qed tbiegħ l-oġġett li talvolta jista' jkun kontrafatt, tkun qed tagħmlu xjentement. Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament pruvat li l-imputat kien konvint li dak li kien qed ibiegħ kienu oġġetti ġenwini.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------